MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 295/2013

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Jessica Briffa.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Jesscia Briffa bint Alexander u Lorenza nee Moran imwieled fl-24 ta' Jannar 1993 u li toqgħod 91 Triq l-Imsaġar Attard.

Akkużata talli bħala persuna reġistrata mal-kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Numru XXIII tal-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriża li seħħet fl-20 ta' Novembru 2011 ġewwa Maxims Confectionery, Triq il-Pijunieri, Buġibba pprodiet jw offriet li tipprovdi lil persuna oħra u / jew esponiet għall-bejgħ oġġetti waqt li kienet sprovvista minn cash register fiskali jew kotba tar-riċevuti fiskali kif maħruġa jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Numru XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(o) u 82 tal-istess Att.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessitat-12 ta' Ġunju 2013 li biha, wara li rat l-artikoli 10, 51, 77(o) u 82 u l-partiti 1,2, 3, u 10 tat-Tlesttax-il Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Liġijeit ta' Malta sabitha ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundannata sabiex tħallas multa ta' tmien mitt Euro (€800).

3. Rat ir-rikors tal-appell intavolat fl-24 ta' Ġunju 2013 fejn intqal li l-ispetturi tal-VAT ma sabux klijenti fil-ħanut iżda rriżultalhom li fil-ħanut la kien hemm cash registers u lanqas kotba tal-irċevuti fiskali. Alexander Briffa, li kien fuq il-post, għarrafhom li n-numru tal-VAT kienu għadhom ma rċevewhx.

4. Illi l-aggravju jikkonsisti f'dan li ġej:

5. Illi kien stabbilit li l-appellanti ma kentix fil-fond imsemmi dak il-ħin li saret l-ispezzjoni. Għalhekk l-imputazzjoni li kienet sprovvista minn cash register u riċevuti fiskali ma tistax treġi minħabbi li ma setx ikollha dawn l-affarijeit dak il-ħin għax f'dak il-post ma kenitx.

6. U aktar minn hemm, anke li kieneku kienet hemm, l-esponent kien għad ma kellhiex numru tal-VAT fis-sens li kien għadu mhux komunikat lilha. Filfatt l-ispettur xhed li n-numru kein ħareġ fl-4 ta' Novembru 2011 iżda ma xehedx ukoll jekk dan in-numru ntbagħatx lill-appellanti u, aktar minn hekk jekk waslilhiex. Għalhekk l-appellanti kienet fl-impossibilita' fiżika li tagħti riċevuti għax ir-riċevuti huma marbuta ma' numru ta' reġistrazzjoni partikolari li ma kellhiex.

7. Illi di piu' Alexander Briffa li kien preżenti fil-ħin tal-ispezzjoni xehed illi l-ħanut kien għadu mhxu miftuħ għan-negozju. Huwa jgħid ukoll illi fil-ħanut kien baqa' jsir xi tibjid. Għalhekk l-appellanti ma jistax jingħad illi kienu esposti għall-bejgħ oġġetti skont l-akkuża..

8. Għalhekk l-appellanti talbet lil din il-Qorti sabeix tirrevoka s-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2013 fl-ismijeit premessi u li minnflok tillibera lill-appellanti.

9.Rat il-fedina aġġornata tal-appellanti.

10. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Proekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat/

11. Illi mis-smigħ tax-xhieda rriżulta dan li ġej.

12. Xehed Emanuel Darmanin li qal li huma kienu ppreżentaw il-letter to prosecute li hija mmarkata AD1, ir-registration form ta' Jessica Briffa li għandha d-data tat-28 t'Ottubru 2011.

13. Xehdet ukoll Lorraine Galea , rappreżentanta tal-VAT. Hija qalet li fl-20 ta' Novembru 2011 huma kienu għamlu spezzjoni ġewwa l-Maxims Confectionery fi Triq il-Pijunieri,Buġibba. Il-ħanut kien miftuħ għan-nies. Kien hemm preżenti omm it-taxpayer u missierha. Staqsew lil missierha kellhiex cash register u ma kienx hemm cash register fuq il-post. Filfatt il-missier qal li kienu għadhom ma tawhomx in-numru. L-applikazzjoni biex ikollha l-VAT registration number kienet daħħlitha fit-28 t'Ottubru, 2011. Lid-dipartiment kienet qaltilhom li ser tiba taħdem fl-1 ta' Novembru 2011. Attwalment il-VAT Number kien ħareġ fl-4 ta' Novembru 2011. L-Ispetturi kienu marru fuq il-post fit-28 ta' Novembru 2011 u suppost li kellha cash register fuq il-post. Kienu qed jitneeħeħw l-affarijiet minn ġod-display cases.

14. Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li ma kinitx taf jekk id-dipartiment kienx għarraf lill-appellanti li kien ħareġ in-numru. Biss, skont ir-records tagħhom, iċ-ċertifikat ħareġ fl-4 ta' Novembru. Hi ma kenitx tibgħat iċ-ċertifikat lin-nies imma dan, meta jinħareġ, jintbagħat mill-ewwel bil-posta fl-indirizz li jkun ta l-applikant.

15. Meta marret fuq il-post l-appellanta ma kinitx hemm. Ix-xhud qalet li l-post kien armat, kein hem display unit bit-trays ġo fiha. L-ispezzjoni saret fl-10.30 p.m. u kienu waslu biex jagħlqu. Huma kienu staqsew lil missierha għala ma ienx hemm cash register u hu qalilhom li għax ma kellhomx VAT number. Ma qalilhomx li għax mhux miftuħ. Il-VAT nmber kien ħareġ favur l-appellant. Ix-xhud ma

setgħetx tgħid meta l-appellanti rċeviet in-numru. Hija ma kenitx rat oġġetti għall-bejgħ iżda kienu qed jisbarazza it-trays.

16. Xehed missier l-appellanti li qal li dak in-nhar huwa kien qed jaħsel il-parapett. Huwa qal li dak in-nhar il-ħanut kien magħluq. Il-ħanut kien armat iżda ma kellhomx prodotti.

17. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li ma kienx jaf id-data meta t-tifla fetħeet il-ħanut. Meta rċevew il-VAT number mar jagħmel il-cash register u l-għada kienu fetħu l-ħanut. Qal ukoll li prodotti ma kienx hemm. Kien hemm il-makkinarju: is-sink, il-geyser, l-ixkaffi u l-warmer. Il-ħanut kien vojt. Fl-għaxra u nofs ta' bil-lejt kien għarrkobbtejn fl-art ineħħi l-water paint.

18. Il-Qorti tal-Maġistrati mmotivat is-sentenza kif ġej:

*'Illi jibda biex jingħad li huwa rrelevanti għall-imputazzjoni odjerna jekk il-VAT number tal-imputata kienx ħareġ jew le u ekk inħareġ kienx ġie komunikat lilha jew le. Il-kwistjoni li trid tiġi riżolta hija jekk il-ħanut kienx miftuħ għall-bejgħ jew le. Jekk il-ħanut kienx miftuħ għall-bejgħ allura tissussisti l-imputazzjoni għaliex indipendentement minn jekk inħariġx in-numru tal-VAT jew le, l-imputata qatt am setgħet tiftaħ għal-bejgħ mingħajr ma jkollha cash register fil-ħanut. Naturalment jekk il-ħanut ma kienx miftuħ għall-bejgħ allura l-imputazzjoni ma tistax tissusisti.*

*Illi dwar dan il-punt hemm konflitt fil-provi: l-ispettur tal-VAT jgħid li l-ħanut kien miftuħ għall-bejgħ, l-ixkafef kienu armati bl-oġġetti fuqhom għall-bejgħ u jidher li omm l-imputata kienet qed tnaddaf qabel ma jagħlqu.*

*Illi Alexander Briffa min-naħa l-oħra jgħid li ma kinux miftuħin għall-bejgħ imma kienu qegħdin hemm għax kienu għadhom qed ibajdu l-aħħar biċċa tal-ħanut.*

*Illi in tema ta' konflitt ta' provi l-pinċipji regolaturi huma ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna. Tenut kont ta' dawn il-prinċipji u wara li l-Qorti kellha l-opportunita' tara u tisma' liż-żewġ persuni konċernati jagħtu d-depożizzjoni tagħhom l-Qorti hija konvinta li tista' tagħti kredibilita' lill-verżjoni mogħtija mill-Ispettur tal-VAT u konsegwentement taċċetta bħala veritjera l-verżjoni li l-ħanut kien miftuħ.'*

19. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-appellanti ma kenitx preżenti fil-ħanut meta saret l-ispezzjoni.

20. Jirriżulta minn fol 7 li l-appellanti hija sole proprietor tal-post 3 Maxims Confectionery Howard Building Triq il-Pijunieri Buġibba. Minħabba li m'hemmx imniżżel x'inhi l-kariga tagħha fl-applikazzjoni li mliet biex tirreġistra mal-VAT Department, għalhekk jidher li hija l-bniedma li qed tmexxi l-ħanut imsemmi.

21. Ġaladarba hija l-bniedma responsabbli, hija ma tistax teħles mill-obbligi tagħha ġaladarba l-ħanut kien miftuħ. Wara kollox, il-persuni preżenti fih kienu ommha u missierha u ma nġabitx xi prova li dawn marru hemm bil-moħbi tagħha. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel parti tal-aggravju.

22. It-tieni parti tal-aggravju hija dwar li ma l-Ispettriċi tal-VAT ma xehditx dwar jekk in-numru kienx ġie komunikat lill-appellanti.

23. Dwar dan, din il-Qorti tikkonferma dak li qalet l-ewwel Qorti li l-vera kwistjoni mhix jekk intbagħatx in-numru jew le. Iżda jekk il-ħanut kienx miftuħ jew le. Barra dan, billi n-numru tal-VAT kien ħareġ mid-dipartiment fl-4 ta' Novembru 2011 u l-ispezzjoni saret fl-20 ta' Novembru, 2011, kien hemm żmien biżżejjed biex dan in-numru jasal bil-posta. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din it-tieni parti tal-aggravju.

24. It-tielet parti tal-aggravju hija li missier l-appellanti ma xehedx li l-ħanut kien miftuħ għan-negozju.

25. L-artikolu 77(o) tal-Kap 406:

*(o)* tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna oħra u, jew tesponi għall-bejgħ oġġetti, waqt li tkun sprovvista, fil-lok fejn tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna oħra u, jew tesponi għall-bejgħ oġġetti, minn *cash register* fiskali jew kotba tar-riċevuta fiskali kif maħruġa jew approvati mill-Kummissarju;

25. Minn dak li xehdet l-ispettriċi jirriżulta hekk:

' Kienu qegħdin ineħħu t-trays tad-display li kien hemm ġod-display għax kien wasal il-ħin li huma jagħlqu. Dan kien fl-10.30pm. Hija ma kenitx rat sinjali ta' bejgħ.L-unika problema li kien hemm minħabba li kien miftuħ u ma kienx hemm cash register. Staqsejnieh għala ma kellux cash register u l-unika raġuni li tana kienet ma ngħatalux il-VAT number. Ma qalilniex li għax ma kienx miftuħ.'

26. Min-naħa l-oħra missier l-appellanti qal li hu kien jaħsel il-parapett mill-water paint u l-ħanut kien magħluq għalkemm kien armat. Huwa nnega li kellhom xi prodotti.

27. Din il-Qorti tinnota tliet punti ewlenin.

(a) Kienu qed jitneħħew it-trays mid-display shelf. La kienu qed jitneħħew it-trays, dan it-trays ma kinux hemm biss għad-dekorazzjoni. Ma jagħmel ebda sens li joqogħdu jitneħħew it-trays mid-display counter jekk il-ħanut ma kienx miftuħ għall-pubbliku. Din l-attivita' waħdiha hija biżżejjed biex turi li fil-jum tal-ispezzjoni l-ħanut kien miftuħ għall-pubbliku.

(b) It-tieni, il-ħin li fih saret l-ispezzjoni: l-10.30pm fl-20 ta' Novembru, 2011. Dan huwa ħin li ħanut ikun qed jagħlaq u jneħħi l-prodotti tal-ikel li jkun fid-display. Diffiċli ferm li titwemmen xi verżjoni li dak il-ħin il-ħanut kien miftuħ biss għax kien qed jitneħħa l-water paint.

(ċ) It-tielet hija r-reazzjoni immedjata tal-missier meta l-Ispettriċi staqsietu għall-cash register. Ma qalilhiex 'Isma' l-ħanut għadu mhux miftuħ' iżda qalilha li għax id-dipartiment ma kienx bagħat il-VAT number. Minn hawn ukoll wieħed jista' jikkonkludi li l-ħanut kien miftuħ għall-pubbliku.

28. Il-fatt li meta marru l-ispetturi ma kienx hemm nies jixtru ma jfisser xejn. L-obbligu li ħanut ikollu bżonn ta' cash register huwa mal-ftuħ tal-ħanut u mhux mal-preżenza tal-pubbliku.

29.Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din it-tielet parti tal-aggravju.

30. Qegħda tqis ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet kemm legalment kif ukoll raġonevolment.

**Konklużjoni**

**31. Il-Qorti tinnota li l-appellanti għandha kondotta nadifa. Għalhekk qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-12 ta' Ġunju 2013 billi fil-waqt li qed tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjoni kontra tagħha qegħda tħassarha fejn ikkundannatha tħallas multa ta' €800 u minflok qed tikkundannaha tħallas multa ta' €700. Il-multa tista' titħallas b'rati ta' €50 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------